IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.10.2024
COM(2024) 495 final

2024/0274 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Id-diżastri naturali reċenti fiċ-Ċentru u fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar tal-Ewropa kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet li jgħixu u jaħdmu f'dawn ir-reġjuni. Inqered ħafna mill-potenzjal tal-produzzjoni agrikola u tal-forestrija, u dan ikkawża telf kbir ta' introjtu. Sabiex jiġu indirizzati malajr il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel Ewropea u tal-komunitajiet rurali li jirriżultaw minn dawn id-diżastri, jeħtieġ li l-Ewropa tkun tista' tuża malajr appoġġ effettiv permezz tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali flimkien mar-riżorsi disponibbli minn Fondi Ewropej oħra.

Il-politika Agrikola Komuni (PAK) diġà tipprovdi appoġġ għall-investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu u tal-forestrija u l-appoġġ għall-introjtu. Madankollu, dawn il-miżuri ta' appoġġ jistgħu ma jkunux iffinanzjati biżżejjed fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-bdiewa u tal-forestiera f'pajjiżi affettwati minn diżastri naturali.

Sabiex tipprovdi assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, il-Kummissjoni tipproponi miżura ġdida u aktar flessibbiltà fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni għal tisħiħ baġitarju tal-investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu kif ukoll għall-finanzjament tal-miżura l-ġdida.

Il-miżura l-ġdida, iffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u implimentata taħt programmi ta' żvilupp rurali, tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ ta' likwidità mmirat lill-bdiewa, lill-pussessuri tal-foresti, lill-SMEs attivi fl-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli jew tal-forestrija affettwati minn diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024.

Billi jiġu indirizzati direttament u malajr l-isfidi tal-flussi tal-flus tan-negozji affettwati, l-appoġġ permezz tal-miżura l-ġdida se jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u jindirizza bil-quddiem it-tfixkil potenzjali fis-suq minħabba l-impatt tad-diżastri naturali. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet filwaqt li tiġi prevista amministrazzjoni raġonevolment sempliċi li tippermetti skjerament rapidu, l-appoġġ se jieħu l-forma ta' somma f'daqqa ta' darba għall-bdiewa, lill-pussessuri tal-foresti u l-SMEs.

Barra minn hekk, l-investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu jenħtieġ li jissaħħu billi jiġu pprovduti aktar flessibbiltajiet baġitarji fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni fl-użu tal-fondi tal-FAEŻR.

F'dan il-kuntest, filwaqt li tiġi prevista flessibbiltà baġitarja fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni, huwa importanti li jitkomplew u jissaħħu l-investimenti u l-azzjonijiet ippjanati fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima biex jittaffa l-impatt tad-diżastri dejjem aktar frekwenti kkawżati mill-klima. L-isforzi ta' restawr u l-pagamenti ta' likwidità għandhom ikunu bbilanċjati kemm jista' jkun mal-ħtieġa li jiġu segwiti l-investimenti u l-azzjonijiet previsti attwalment fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri.

Barra minn hekk, bil-ħsieb li jkun żgurat li r-riżorsi disponibbli fil-kuntest tal-programmi eżistenti tal-iżvilupp rurali jintużaw bl-iktar mod effiċjenti possibbli, l-Istati Membri se jkollhom jiġġustifikaw l-għoti ta' miżuri ta' appoġġ ġodda mmirati lejn dawk l-iktar affettwati abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal din il-miżura l-ġdida.

Fir-rigward tal-proċess, l-Istati Membri jkollhom jinkludu l-miżura l-ġdida jew ir-riallokazzjoni ppjanata tal-fondi fil-programmi tal-iżvilupp rurali permezz ta' modifika tal-programm. Din is-sottomissjoni tal-modifika tal-programm tista' sseħħ wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mal-qafas legali ġenerali stabbilit għall-Politika Agrikola Komuni u għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (l-FSIE) u hija limitata għal emenda speċifika tar-Regolament (UE) 2020/2220. Il-proposta tikkumplimenta l-miżuri l-oħrajn kollha li ħadet l-Unjoni bil-għan li tindirizza s-sitwazzjoni attwali, b'mod partikulari dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jipprovdu l-likwidità.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi speċifiċi tar-Regolament (UE) 2020/2220 u hija konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-kompetenza għall-agrikoltura tkun kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jistabbilixxi politika agrikola komuni b'objettivi komuni u implimentazzjoni komuni. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-objettivi komuni u l-implimentazzjoni komuni ta' miżura ġdida għall-iżvilupp rurali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta fiha emendi limitati u speċifiċi li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan li tingħata għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa, lill-pussessuri tal-foresti u lill-SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli jew tal-prodotti tal-forestrija u għall-isforzi ta' restawr li ntlaqtu b'mod gravi mid-diżastri naturali.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament huwa l-istrument xieraq biex tiddaħħal il-miżura addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkustanzi bla preċedent.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

M/A

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba n-natura teknika, limitata u urġenti tal-modifiki proposti, il-proposta legali mhijiex adattata għal konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Madankollu, dan il-memorandum ta'

spjegazzjoni ser jintbagħat lill-istituzzjonijiet l-oħra flimkien mal-att ta' akkumpanjament u ser ikun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-EUR-Lex.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

M/A

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Saret valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-proposta għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-emendi limitati li qed jiġu proposti ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separat.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

M/A

- **Drittijiet fundamentali**

M/A

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tikkonċerna l-programmi ta' żvilupp rurali tal-FAEŻR għall-perjodu 2014-2022 u ma timmodifikax l-impenji baġitarji eżistenti. Din tibqa' fil-limiti tal-allokazzjoni ġenerali għall-perjodu 2014-2022 u għalhekk għandha newtralità baġitarja.

Ir-rendikont dettaljat totali annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt il-FAEŻR jibqa' l-istess Il-pagamenti lill-benefiċjarji se jsiru qabel il-31 ta' Diċembru 2025, u għalhekk se jkunu ffinanzjati mill-baġits tal-2025, tal-2026 u tal-2027. L-approprjazzjonijiet ta' pagament meħtieġa biex din il-miżura tiġi ffinanzjata għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet għall-FAEŻR li huma inklużi fl-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni li jmiss għall-2025 u se jiġu kkumpensati bi tnaqqis korrispondenti fil-ħtiġijiet tal-pagamenti fis-snin ta' wara.

L-emenda proposta ma timplika l-ebda tibdil fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-impenji u għall-pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Se jkun hemm monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri u se jsiru rapporti dwarha fil-qafas tal-mekkaniżmi ġenerali tar-rapportar stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Sabiex tingħata assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, qed jiġi propost li r-Regolament (UE) 2020/2220 jiġi emendat biex:

- L-introduzzjoni ta’ miżura ġdida li tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ ta’ likwidità lill-bdiewa, lill-pussessuri tal-foresti u lill-SMEs attivi fl-ipproċessar ta’ prodotti agrikoli u tal-forestrija affettwati minn diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta’ Jannar 2024. L-appoġġ jitħallas fil-forma ta’ somma f’daqqa. Il-miżura l-ġdida tista’ tiġi kofinanzjata sa 100 % mal-FAEŻR u s-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni huwa ta’ 10 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta’ żvilupp rurali għas-snin 2021-2022.

- Tipprovdi flessibbiltà limitata rigward il-klawżola ta’ nonrigressjoni meta l-fondi jiġu riallokati għall-miżura l-ġdida jew għal miżuri għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni.

- Tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jissimplifikaw il-proċeduri billi jikkunsidraw li ż-żona kollha tkun affettwata serjament minn diżastru naturali meta japplikaw għal “force majeure”.

- Tippermetti lill-Istati Membri jagħżlu operazzjonijiet ta’ appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel l-applikazzjoni għall-finanzjament meta jkunu marbuta ma’ pagamenti ta’ restawr jew ta’ likwidità.

2024/0274 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-diżastri naturali reċenti fiċ-Ċentru u fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar tal-Ewropa kellhom effett devastanti fuq il-popolazzjonijiet rurali li jgħixu u jaħdmu f'dawn ir-reġjuni. Inqered ammont konsiderevoli ta' potenzjal ta' produzzjoni agrikola u tal-forestrija, u bħala konsegwenza l-bdiewa, il-pussessuri tal-foresti u n-negozji rurali fir-reġjuni affettwati qed jiffaċċjaw telf importanti ta' introjtu. Sabiex jiġu indirizzati malajr il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel Ewropea u tal-komunitajiet rurali li jirriżultaw minn dawn id-diżastri, huwa xieraq li jiġi pprovdut malajr appoġġ effettiv eċċezzjonali permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) implimentat taħt il-programmi ta' żvilupp rurali u li tiġi prevista aktar flessibbiltà għall-miżuri eżistenti.

(2) Sabiex ikun hemm rispons għall-konsegwenzi tad-diżastri naturali li seħħew mill-1 ta' Jannar 2024, jenħtieġ li tkun prevista miżura ġdida temporanja u eċċezzjonali għall-indirizzar tal-problemi ta' likwidità li jheddu l-kontinwità tal-attivitajiet tal-biedja u tal-forestrija u l-kontinwità ta' negozji żgħar u medji attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija. Barra minn hekk, l-appoġġ għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jenħtieġ li jissaħħaħ billi tiġi pprovduta aktar flessibbiltà baġitarja fir-rigward tal-limitu ta'

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).

nonrigressjoni previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(3) Peress li l-finanzjament tal-miżura l-ġdida se jiġi pprovdut permezz tal-FAEŻR, il-qafas legali stabbilit għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal dawk ir-Regolamenti, għandhom japplikaw għal din il-miżura l-ġdida.

(4) Il-perjodu ta' programmazzjoni tal-FAEŻR ġie estiż bir-Regolament (UE) 2020/2220 sal-31 ta' Diċembru 2022. L-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni estiż se tibqa' għaddejja sa tmiem l-2025. Ir-Regolament (UE) 2020/2220 ippreveda wkoll regoli tranżizzjonali fil-perjodu ta' estensjoni. Peress li l-FAEŻR bħalissa qed jiġi implimentat fil-perjodu estiż, huwa xieraq li jiġu previsti l-kundizzjonijiet għall-miżura eċċezzjonali l-ġdida u aktar flessibbiltajiet baġitarji fir-rigward tal-limitu ta' nonrigressjoni billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/2220.

(5) Sabiex tiġi prevista aktar flessibbiltà baġitarja għar-riallokazzjoni tal-finanzjament għall-miżura l-ġdida u s-submiżura eżistenti għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola, filwaqt li jitkomplew l-investimenti u l-azzjonijiet ippjanati fil-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima biex jittaffa l-impatt tad-diżastri kkawżati mill-klima dejjem aktar frekwenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew inaqqsu l-limitu ta' nonrigressjoni previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2020/2220 b'massimu ta' 15 punti perċentwali iżda mhux taħt il-limitu minimu ta' 30 %.

(6) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw bis-sħiħ il-konsegwenzi tad-diżastri naturali li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2024, jenħtieġ li jkun permess li jintgħażlu operazzjonijiet ta' appoġġ li jkunu tlestew fiżikament jew li jkunu ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-programm tiġi ppreżentata lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li l-operazzjoni tkun b'reazzjoni għal tali diżastru naturali.

(7) L-appoġġ taħt il-miżura prevista f'dan ir-Regolament, li għandu l-għan li jiżgura l-kompetittività tal-SMEs kif ukoll il-vijabbiltà tal-pussessuri ta' azjendi agrikoli u foresti, jenħtieġ li jikkonċentra r-riżorsi disponibbli fuq il-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati minn diżastri naturali u li jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-appoġġ jenħtieġ li jingħata biss lil dawk il-benefiċjarji li kienu affettwati minn qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-produzzjoni rilevanti.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2220/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj).

(8) Minħabba n-natura urġenti, temporanja u eċċezzjonali ta' din il-miżura u l-ħtieġa għal żborż rapidu u sempliċi tal-pagamenti korrispondenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti pagament ta' darba u data tat-tmiem għall-applikazzjoni tal-miżura.

(9) Sabiex jingħata iktar appoġġ lill-bdiewa, lill-pussessuri ta' foresti jew lill-SMEs li huma l-iktar li intlaqtu, huwa xieraq li l-Istati Membri jitħallew jagġustaw il-livell tas-somom f'daqqa għal ċerti kategoriji ta' benefiċjarji eliġibbli, pereżempju billi jiffissaw ċerti faxex jew kategoriji ġenerali, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

(10) Meta jagħtu l-appoġġ għall-miżura l-ġdida, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-appoġġ mogħti fil-kuntest ta' strumenti ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn jew fil-kuntest ta' skemi privati b'rispons għall-impatt tad-diżastri naturali.

(11) Ir-riżorsi għall-miżura l-ġdida għandhom jiġu pprogrammati b'rata ta' kofinanzjament sa 100 %.

(12) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed fondi għall-miżura l-ġdida prevista f'dan ir-Regolament mingħajr ma jiġu pperikolati l-objettivi l-oħrajn tal-programmi tal-iżvilupp rurali, jenħtieġ li jiġi ffissat is-sehem massimu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal dik il-miżura.

(13) L-appoġġ għar-restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola u tal-forestrija b'reazzjoni għal diżastri naturali jenħtieġ li jipprijoritizza l-operazzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju "Nibnu mill-ġdid aħjar", dan huwa l-użu tal-fażijiet ta' rkupru, riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara diżastru biex tiżdied ir-reżiljenza tas-settur tal-biedja u tal-forestrija permezz tal-integrazzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kif indikat fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015–2030 tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, filwaqt li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet magħżula jippreżentaw l-aħjar relazzjoni bejn l-ammont ta' appoġġ u l-objettiv li tiġi żgurata r-reżiljenza għad-diżastri.

(14) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-benefiċjarji affettwati u tal-Istati Membri f'każ ta' *force majeure*, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jikkunsidraw iż-żona kollha bħala affettwata serjament minn diżastru naturali.

(15) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-miżura l-ġdida permezz tal-programmi ta' żvilupp rurali fi ħdan il-qafas legali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, kif estiż bir-Regolament (UE) 2020/2220, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(16) Is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom ikunu relatati mal-preżentazzjoni tal-miżura l-ġdida fil-programmi tal-iżvilupp rurali, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali, il-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kontrolli u l-penali.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/2220 jiġi emendat kif xieraq,

(18) Fid-dawl tal-effetti devastanti tad-diżastri naturali attwali u l-urġenza li jiġi indirizzat u mmitigat l-impatt tagħhom fuq is-settur agroalimentari u tal-forestrija tal-Unjoni,

---

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

huwa meqjus neċessarju li tintuża l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 tat-Trattati dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni.

(19) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni marbuta mad-diżastri naturali, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2020/2220 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, meta jallokaw mill-ġdid il-fondi u jonfqu l-fondi għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu s-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR riżervata għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Dak it-tnaqqis ma għandux imur lil hinn mill-ammonti tal-FAEŻR riallokati għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u ma għandux jaqbeż il-15-il punti perċentwali tas-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR stabbilit fil-programmi ta' żvilupp rurali għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. Għal dak il-fini, għandu jitqies is-sehem globali tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR stabbilit fil-programmi ta' żvilupp rurali kif ippjanat fiż-żmien tal-estensjoni tal-perjodu ta' durata tal-programmi appoġġati mill-FAEŻR sal-31 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament. Is-sehem globali riżervat għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ma għandux ikun inqas mil-limitu minimu stabbilit f'dak l-Artikolu. L-istess tnaqqis f'punti perċentwali jista' jiġi applikat għar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 58a(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 mingħajr ma jiġu riallokati fondi għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.";

(2) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. B'deroga mill-Artikolu 65(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-awtorità ta' ġestjoni tista' tagħżel li tappoġġja operazzjonijiet li jkunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, dment li l-operazzjoni tkun implimentata permezz tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament kif ukoll fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), jew fl-Artikolu 24(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u dment li tali operazzjoni tipprovdi rispons għal diżastru naturali li seħħ mill-1 ta' Jannar 2024.";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 6a

Appoġġ temporanju eċċezzjonali lill-bdiewa, lil pussessuri tal-foresti u lill-SMEs partikolarment affettwati minn diżastri naturali

1. L-appoġġ li jingħata fil-kuntest ta’ din il-miżura għandu jipprovdi assistenza ta’ emerġenza lill-bdiewa, lill-pussessuri ta’ foresti u lill-SMEs partikolarment milquta minn diżastri naturali, bil-għan li tkun żgurata l-kontinwità tal-attività kummerċjali tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 mill-1 ta’ Jannar 2024 u li dak id-diżastru jew il-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031* biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew pest li jkunu kkawżaw il-qerda ta’ mill-anqas 30 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti.

3. L-appoġġ għandu jingħata lill-

   (a) bdiewa,

   (b) lill-pussessuri ta’ foresti privati u pubbliċi u korpi oħra tad-dritt privati u pubbliċi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, minbarra foresti proprjetà tal-Istat ġestiti mill-Istat,

   (c) SMEs li huma attivi fl-ipproċessar, fil-kummerċjalizzazzjoni jew fl-iżvilupp ta’ prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-TFUE jew tal-qoton, ħlief għall-prodotti tas-sajd jew

   (d) SMEs attivi fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tal-foresti.

   Fir-rigward tal-ipproċessar ta’ prodotti agrikoli, l-output tal-proċess tal-produzzjoni jista’ jkun prodott mhux kopert mill-Anness I tat-TFUE.

4. L-Istati Membri għandhom jimmiraw l-appoġġ lill-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati, billi jiddeterminaw il-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà abbażi tal-evidenza disponibbli.

5. L-appoġġ għandu jingħata bħala somma f’daqqa li għandha titħallas sal-31 ta’ Diċembru 2025, abbażi tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ approvati mill-awtorità kompetenti sat-30 ta’ Ġunju 2025. Il-livell tal-pagament jista’ jvarja minn kategorija ta’ benefiċjarji għal oħra, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

6. L-ammont massimu ta’ appoġġ ma għandux jaqbeż l-EUR 42 000 għal kull benefiċjarju.

7. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ mogħti taħt strumenti oħra ta’ appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi privati biex jirrispondu għall-impatt tad-diżastri naturali sabiex jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba f’konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 filwaqt li jimmiraw l-appoġġ lill-benefiċjarji li huma l-aktar affettwati.

L-Artikolu 6b

Dispożizzjonijiet applikabbli għall-appoġġ il-pussessuri ta’ foresti u l-SMEs partikolarment affettwati minn diżastri naturali

1. L-appoġġ temporanju eċċezzjonali msemmi fl-Artikolu 6a ta’ dan ir-Regolament għandu jiġi ffinanzjat mill-FAEŻR bħala miżura skont it-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

2. Il-kontribuzzjoni massima tal-FAEŻR għall-miżura msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament għandha tkun ta' 100 %.

3. L-appoġġ ipprovdut għal din il-miżura ma għandux jaqbeż l-10 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għas-snin 2021–2022.

L-Artikolu 6c

Forza maġġuri

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għall-finijiet tal-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK meta jiġi applikat il-prinċipju ta' *force majeure*, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament, meta diżastru naturali serju jaffettwa b'mod gravi żona determinata sew, l-Istat Membru kkonċernat jista' jqis li dik iż-żona kollha tkun affettwata serjament minn dak id-diżastru jew dak l-avveniment.

L-Artikolu 6d

Setgħat tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a ta' dan ir-Regolament permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali fil-qafas legali applikabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, estiż f'konformità mal-Artikolu 1 dwar:

   (a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali;

   (b) ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali;

   (c) il-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni;

   (d) l-implimentazzjoni tal-kontrolli u tal-penali.

2. L-atti ta' implimentazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

L-Artikolu 6e

Proċedura ta' kumitat

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħa kif deskritt fl-Artikolu 6d(1) il-punti (a), (b) u (c) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-"Kumitat għall-Iżvilupp Rurali" stabbilit bl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħa kif deskritt fl-Artikolu 6d(1), il-punt (d), ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-"Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli" stabbilit bl-Artikolu 103(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.

*Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE,

2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.201, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj).

**Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

***Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*